# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 13**

**Rikors numru 469/16/2 MH**

**L-Avukat Kris Borg bħala mandatarju ta' Jan Sammut
preżentement assenti minn Malta**

**v.**

**HSBC Bank Malta plc (C-3177)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-Bank konvenut HSBC Bank Malta plc (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Bank appellant) mid-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta' Ġunju, 2021, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija ddeċidiet li l-Bank mhuwiex ġustifikat li jkompli li jitrattjeni milli jippreżenta l-pariri legali nterni tiegħu, kif mitlub mill-attur fl-

inġunzjonijiet tiegħu u ordnat għalhekk lill-istess Bank (mhux Dr. Brancaleone) jottempra ruħu ma' dak mitlub minnu fl-inġunzjonijiet relattivi maħruġa mill-attur.

2. It-taħrika ta' xhieda nħarġet mill-attur sabiex ir-rappreżentanti tal-Bank konvenut jixhdu u jġibu kopja tal-minuti kollha tal-laqgħat, tal-Audit Committee nkluża dawk tal-10 ta' Novembru, 2016 u l-14 ta' Frar, 2017, kif ukoll minuti tal-laqgħat ta' kumitati jew fora nterni oħra li fihom issemma u/jew kien diskuss il-każ ta' Jan Sammut flimkien ma' kull dokument ieħor li jifforma parti minn jew jissemma fl-istess minuti. Filwaqt li x-xhud Dr. George Brancaleone fl-ewwel stadju xehed li mhuwiex f'pożizzjoni li jesebixxi l-kopji tal-minuti ndikati fit-taħrikiet, peress li fuq parir legali stqarr li jikkontjenu "*privileged information*" (ara fol. 171 tal-proċess), sussegwentement, permezz ta' nota tal-20 ta' Novembru, 2019, il-Bank konvenut esebixxa kopja tal-minuti li ġew mitluba mill-attur, liema dokument huwa mmarkat Dok. JC, b'dan illi parti mill-kontenut tad-dokument li fih informazzjoni privileġġjata konsistenti f'pariri legali interni ġew *redacted.*

3. Rat li l-attur baqa' jinsisti li jiġu ppreżentati l-minuti fl-intier tagħhom inkluż il-pariri legali maħruġa mill-uffiċċju legali tal-Bank konvenut, li fil-fehma tal-attur ma jikkwalifikawx bħala informazzjoni privileġġjata u dan skont każistika tal-Qorti Ewropea. Wara li l-Ewwel Qorti tat ordni sabiex

l-attur jindika l-każistika li għaliha għamel referenza, permezz ta' nota tal-4 ta' Novembru, 2020, ġiet esebita l-każistika relattiva, senjatament il-każ C-550/07 fl-ismijiet **Akzo Nobel Chemicals & Akros Chemicals Limited v. European Commission,** deċiż fl-14 ta' Settembru, 2010 u l-każ 155/79 fl-ismijiet **AM & S Europe Limited v. Commission of the European Communities** deċiż fit-18 ta' Mejju, 1982.

4. Qabel ma tidħol fil-mertu tad-digriet innifsu, tajjeb li jiġi osservat li, it-talbiet attriċi huma dawk ta' danni inkwantu l-attur jikkontendi li:

(I) Huwa wettaq l-obbligi tiegħu skont il-ftehim milħuq bejn il-partijiet fit-23 ta' Lulju 2014;

(II) Il-Bank konvenut bl-aġir tiegħu naqas milli jonora tali ftehim u ma ħalliex lill-attur jirriżenja volontarjament taħt l-iskema ta' *Voluntary Redundancy* u meta l-Bank naqas li jħallas it-*terminal benefit* pattwit lill-attur;

(III) Il-Bank għandu jħallsu *t-terminal benefit* pattwit fis-somma ta' €100,000;

(IV) Il-Bank aġixxa b'mod traskurat, negliġenti u anke b'malafede.

5. Il-provvediment mogħti mill-Ewwel Qorti li dwaru tressaq l-appell in eżami, ingħata wara li saru s-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"L-għan tal-provvediment tal-lum huwa li jiddetermina jekk pariri legali nterni mogħtija mill-fergħa legali tal-Bank konvenut għandhomx jitqiesu li huma privileġġjati kif qed isostni l-istess Bank jew inkella jistgħux jiġu preżentati regolarment bħala parti mill-provi kif pretiż mill-attur li minn naħa tiegħu isostni li tali pariri ma jammontawx għal informazzjoni privileġġjata skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea.*
>
> *Illi tqies lil vers vertenza ddur ma dak li hu is-sigriet professjonali li jorbot avukat lejn il-klijent tiegħu u n-natura tar-relazzjoni li hemm bejn l-istess avukat li qed jaghti parir u l-klijent, jew aħjar x'inhi r-relazzjoni li l-avukat għandu ma min qed jitolbu dak il-preċiża parir.*
>
> *Il-liġi nostrana fir-rigward tal-privileġġ professjonali fl-artikolu 588 tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tiprovdi li:-*
>
> > *1.) L-avukat u l-prokuratur legali ma jistgħux, mingħajr il-kunsens tal-klijent, u s-saċerdot mingħajr il-kunsens tal-persuna li tkun għamlet il-qrara, jiġu mistoqsija fuq ħwejjeġ li jkunu ġew jafu, l-avukat jew il-prokuratur legali billi jkunu ġew fdati lilhom mill-klijenti għall-finijiet tal-kawża, u s-saċerdot billi jkun ġjà (recte: ġie) jafhom taħt is-sigriet tal-qrar jew bħala qrar"; .*
> >
> > *Dwar it-tematika ta' x 'wieħed għandu jifhem bis-sigriet professjonali ngħad s-segwenti fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Robert Hornyold Stirctland vs Allied Newspapers Limited u The Strictland Foundation.*[1]
> >
> > *2.) Dwar is-sigriet professjonali ta' avukat, il-liġi trid li "L-avukat u l-prokuratur legali ma jistgħux, mingħajr il-kunsens tal-klijent, .... jiġu mistoqsija fuq ħwejjeġ li jkunu ġew jafu, l-avukat jew il-prokuratur legali billi jkunu ġew fdati lilhom mill-klijent għall-finijiet tal-kawża..."*[2]*. Huwa meqjus li dak li jgħodd għall-għoti ta' xhieda jgħodd ukoll għat-tressiq ta' provi dokumentali li jistgħu jkunu fil-pussess ta' avukat minħabba r-rabta professjonali tiegħu mal-klijent. Minbarra dan, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 588 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jorbtu wkoll fil-każ ta' kxif permess minn liġijiet speċjali dwar is-Segretezza Professjonali*[3]*, liema liġijiet jgħoddu wkoll għall-professjoni ta' avukat*[4]*;*

---

[1] *31 ta' Jannar, 2019 appell numru 1136/15.*
[2] *Art. 588(1) tal-Kap 12 (il-partijiet imħollija barra jirreferu għas-saċerdot u dak li jkun sar jaf waqt ilqrar).*
[3] *Artt. 6A, 6B u 9 tal-Att XXIV tal-1994 (Kap 377).*
[4] *Art. 3(1) tal-Kap 377.*

*3.) Iż-żewġ partijiet fil-kawża jaqblu dwar is-siwi ta' dan il-privileġġ għal dak li jirrigwarda l-amministrazzjoni xierqa tal-proċess ġudizzjarju. L-ewwel Qorti wkoll qieset dan fil-provvediment appellat. Wara kollox, il-kwestjoni tar-rabta ta' avukat lejn il-klijent tiegħu hija waħda mis-sisien ta' mġiba xierqa u meħtieġa mistennija mill-professjoni legali mhux biss dwar ir-rabta tas-sigriet professjonali, iżda wkoll bir-rabta tal-kunfidenzjalità. Tali rabta tista' tinħall biss mill-klijent jew meta dan jirrinunzja għaliha[5];*

*4.) Illi d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili tagħna dwar ir-rabta tal-avukat jixhdu li dan huwa jedd ta' ħarsien favur il-klijent, u mhux ittgawdija ta' jedd ta' eżenzjoni li wieħed ikun imġiegħel jixhed, kif jidher li huwa l-każ f'sistemi proċedurali oħrajn bħalma huwa l-każ fl-Italja[6]. B'mod pertinenti ingħad li "The relationship of professional confidentiality covers everything a client confides in a lawyer, whatever its nature, in order to be best advised and defended. Contrary to a common misconception, the relationship of professional confidentiality is intended not to protect lawyers but to protect their clients ony"[7];*

*5.) Il-Qorti tagħraf li llum il-ġurnata huwa miżmum li "although originally confined to advice about litigation, legal professional privilege has long been extended to non-litigious business. The test is whether the communication or document is made confidentially for the purpose of legal advice. Those purposes have to be construed broadly. Privilege obviously attaches to a document conveying legal advice from solicitor to client and to a specific request from the client for such advice. ... Moreover, legal advice is not confined to telling the client the law; it may include advice about what should prudently and sensibly be done in the relevant legal context"[8];*

*Taħt is-sistema proċedurali ċivili Anglo-Sassonu (li minnu jidher li nstiltu r-regoli tal-Kodiċi tagħna dwar il-mod kif jitmexxa l-proċediment quddiem qorti f'kawża[9]) huwa miżmum li "The privilege is in all cases the privilege of the client and not of the solicitor or legal adviser and may be waived by the client but not by the solicitor or legal adviser"[10]. Minbarra dan, "privilege is not lost by the death of the client"[11];*

*Spjegat dan dwar il-privileġġ jew sigriet professjonali tara ukoll li jkun pertinenti li tiġi eżaminat ir-relazzjoni legali li tinħoloq bejn avukat u l-klijent tiegħu dan fid-dawl ta' dak li qalet l-Qorti nostrana.*

---

[5] *Kap VI, reg. 3 tal-Kodiċi tal-Etika u Mġiba għall-Avukati.*
[6] *Art. 249 C.P.C u Cost. 25.3.1997 (Nru. 87).*
[7] *Stqarrija maħruġa fil-15 ta' Setembru, 2017 mis-CCBE (Council of Bars and Law Societies of Europe).*
[8] *C.A. Balabel vs Air India [1988] 2 W.L.R., 1036.*
[9] *P de Bono Sommario della Storia della Legislazione in Malta (1897), Kap XVII, § 6, paġġ. 321 – 2; u H Harding Maltese Legal History Under British Rule (MUP 1980) paġġ. 153 – 5.*
[10] *Civil Procedure.Rules (The White Book) §31.3.27 (paġ. 566).*
[11] *Ibid. §31.3.28 (paġ. 568).*

*Studju approfondit ta' tali każistika jinstab fid-deċiżjoni mogħtija mill-Gudikatur Av Dr.Kevin Camilleri Xuereb fl-ismijiet Av.Dr. John Bonello vs Christopher Bonello et.*[12]

*"Matul iż-żminijiet, il-Qrati tagħna trattaw diversi drabi r-rapport li jgħaddi bejn avukat u l-klijent tiegħu u jidher illi tali relazzjoni dejjem ġiet primarjament parifikata ma' u kkunsidrata taht l-istitut tal-mandat. B'illustrazzjoni, wieħed jirreferi għas-segwenti sentenzi:*

*(a) Vincenzo Briffa et v. Canonico Ignazio Gatt et (Appell Civili, 15 ta' Jannar, 1906; riportata f'Kollez. Vol. XIX-I-129):*

*"l'avvocato ed il procuratore legale sono mandatari del loro clienti.";*

*(b) Mary Sutch v. Felice Cini (Prim'Awla, 8 ta' Frar, 1939) inghad hekk: "Fid-dottrina, tant Franciza kemm Taljana, gie ritenut illi l-mandant quddiem it-terzi huwa responsabbli anki tal-fatt kolpuz tal-mandatarju. Tant jidher mill-insenjamenti tal-Laurent kemm ukoll minn dawk ta' Ricci. Il-Laurent jghid illi jista' jidher stramb illi l-mandant ghandu jkun responsabbli ghall-ommissjoni tal-mandatarju, ghaliex il-mandant ma tax certament il-poter lill-mandatarju li jonqos minn xi dover tieghu, u ghaliex in-nuqqas tal-mandatarju jikkostitwixxi ezorbitazzjoni mill-limiti tal-mandat. Imma dak l-awtur jispjega illi meta hemm fin-nofs l-interess tat-terz, allura jekk saret ommissjoni mill-parti tal-mandatarju, ma ghandux jigi danneggjat it-terz, imma l-mandant, li ta l-fiducja tieghu lillmandatarju. Hekk f'dana il-kaz, jekk l-ommissjoni tad-difensur tat lok ghall-kontumacja allura t-terz (fil-kaz l-attrici) ma ghandux jsofri hsara fis-sens li jitlef il-vantaggi talvolta derivanti mill-kontumacja tal-konvenut billi jinghad illi l-ommissjoni tal-mandatarju ma ghandhiex tkun ta' dannu lill-mandant.......Illi per konsegwenza l-ommissjoni ta' l-avukat Dottor........ghandha tigi rigwardata daqs kieku kienet ommissjoni ta' l-istess konvenuta.";*

*(c) Teresa Zammit pro et noe v. Ganni Zammit pro et noe (Prim'Awla, 10 ta' Ottubru, 1950) fejn gie asserit illi, "ghal dak li jirrigwrada kwistjonijiet legali u procedurali, kwalunkwe haga li l-avukat jaghmel, anki b'konjizzjoni jew impressjoni erronea, hu responsabbli ghaliha l-klijent tieghu.";*

*(d) Carmelo Agius Fernandez v. Dr. Filippo Nicolo' Buttigieg (Prim'Awla, 13 ta' April, 1953; riportata f'Kollez. Vol. XXXVII-II-683): "ir-relazzjonijiet ta' avukat u l-klijent jirrivestu n-natura tal-mandat.";*

*(e) Victor Tonna pro et noe v. Dr. Joseph Brincat (Appell Civili, 31 ta' Jannar, 1994; riportata f'Kollez. Vol. LXXVIII-II-18): "ir-relazzjoni bejn avukat jew prokuratur legali u l-klijent hija essenzjalment ibbazata fuq il-mandat.";*

[12] *Tribunal tat-Talbiet Żgħar: 435/2017: 9/1/2019.*

*(f) Perit Alexander Bezzina et v. Joseph Mizzi noe (Prim'Awla, 3 ta' Ottubru, 2003): "Ir-relazzjoni ta' klijent ma' professjonist tixbah aktar dik ta' mandat u, fil-fatt, il-Qrati taghna, per ezempju, dejjem qiesu l-avukat bhala l-mandant tal-klijent u mhux xi forma ta' kuntrattur tieghu! Perit, tabib u avukat mhux xoghol jaghtu, izda servizz, tant hu hekk li l-professjonist mhux obbligat li jgib fit-tmiem dak li jitlob minnu l-klijent, izda li jaghti l-ahjar hila tieghu biex iwassal il-klijent ghat-tmiem mixtieq.";*

*(g) Georgia Enterprises Ltd v. Dottor Remigio Zammit Pace (Prim'Awla, 10 ta' Novembru, 2004): "ir-rapport professjonali jippostula l-konferiment ta' inkarigu relattiv. Inkarigu dan li jattiva ruhu permezz ta' manifestazzjoni ta' kunsens, u ghalhekk ir-rikjesta ta' prestazzjoni da parti tal-klijent-kommittent tikkostitwixxi talba ghall-ezekuzzjoni ta' l-istess prestazzjoni, hekk, indubbjament, wahda di fare. Dan ir-rapport huwa ghalhekk inerenti ghall-istitut tal-mandat […] Li jfisser li l-inkarigu konferit lill-professjonista jimplika fil-mandatarju l-poter li jaghmel dak kollu li hu mehtieg ghall-ezekuzzjoni ta' l-inkarigu li jkun ircieva.";*

*(h) Carmelo Farrugia v. Grezzju Farrugia et (Appell Inferjuri, 16 ta' Marzu, 2005) inghad li, "Huwa pacifiku illi l-avukat huwa, fis-sens ta' l-Artikolu 1862, Kodici Civili, mandatarju tal-klijent tieghu b'mandat specjali ghall-finijiet tal-kawza. Ara Vol. X pagna 301 u Vol. XIX P I p 129.";*

*(i) Maureen Scicluna v. Dr. Anthony P. Farrugia (Appell Inferjuri, 6 ta' April, 2005): "hi gurisprudenza pacifika illi r-rapport li jghaddi bejn klijent u l-avukat jew il-prokuratur legali li jqabbad ghall-affarijiet tieghu gudizzjarji huwa dak ta' mandat […] Jitnissel minn dan illi l-inkarigu konferit lill-professjonista jimplika fil-mandatarju l-poter li jaghmel dak kollu li hu mehtieg ghall-ezekuzzjoni ta' l-inkarigu li jkun irceva."*

*Apparti tali elenku, wiehed hu mistieden jara d-decizjonijiet in re Neg. Antonio G. Agius v. Samuel Lebet Hazan (Appell Civili, 28 ta' Novembru, 1883; riportata f'Kollez. Vol. X-301); Manduca v. Galea (Appell Civili, 4 ta' April, 1872; riportata f'Kollez. Vol. VI-161); u Konkors tal-Kredituri tal-vapur Decimus (Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Marzu, 1873; riportata f'Kollez. Vol. VI 486). Imbaghad, aktar qrib ghaz-zminijiet taghna, wiehed ghandu jara d-decizjonijiet in re Leo Micallef et v. Av. Dr. Kris Busietta (Prim'Awla, 11 ta' Marzu, 2014) u in re Maria sive Maryanne Spiteri v. Dr. Edward Gatt (Prim'Awla, 10 ta' Mejju, 2017) li wkoll trattaw il-materja tar-rapport bejn avukat u klijent fl-isfond ta' l-istitut tal-mandat.*

*Minn ricerka ulterjuri, jidher li f'certi okkazzjonijiet rari, il-Qrati lokali sostnew ukoll il-perspettiva li l-imsemmi rapport, ossia bejn avukat u l-klijent, ma jistax jigi klassifikat, sic et simpliciter, fil-branka tar-relazzjoni*

*bejn mandant u mandatarju b'mod generiku, izda tali mandat jassumi vesti partikolari u specjali. It-Tribunal jirreferi ghas-segwenti:*

*(a) Caterina Zammit v. Giuseppe Zammit (Prim'Awla, 14 ta' Frar, 1935; riportata f'Kollez. Vol. XXIX-II-328): "Il-mandat ghandu jigi mizmum strettament fil-limitu tieghu stess, u ghal kwalunkwe haga illi tohrog mill-inkarigu limitat illi jsiru proceduri ghall-oggett specjali, l-avukat ghandu bzonn ta' inkarigu iehor specjali tal-klijent.";*

*(b) Romeo Fleri v. Nutar Francis Xavier Dingli (Appell Civili, 17 ta' Mejju, 1963; riportata f'Kollez. Vol. XLVII-I-277): "L-avukat ghandu jitqies li hu mandatarju tal-klient tieghu ghall-attijiet tal-kawza; pero l-Avukat ma jistghax jiftiehem jew jintrabat ghalih biex jittransigi minghajr mandat espress u specjali tal-klijent.";*

*(c) Edwin Bartolo et v. Giovanni Bondin (Prim'Awla, 15 ta' jannar, 1955; riportata f'Kollez. Vol. XXXIX-II-513): "Hu veru li l-avukat huwa l-mandatarju tal-parti li jidher ghaliha fil-kawza; imma hu veru wkoll li l-avukat ma jistax jittransigi l-kawza minghajr ma jkollu l-mandat , mhux biss espress, imma wkoll specjali, tal-parti. U ghalhekk il-parti mhix vinkolata minn ftehim talvolta maghmul mid-difensur taghha li ma kellux dak il-mandat specjali.";*

*(d) Fl-istess sens tat-tlett decizjonijiet supra, ara wkoll in re Gaetano Abdilla v. Avukat Dottor Joseph F. Cassar Galea, LL.D., M.L.A. (Appell Civili, 17 ta' Marzu, 1967; riportata f'Kollez. Vol. LI-I-178); u Maria Debono et v. Filippo Debono et (Appell Civili, 15 ta' Jannar, 1965; riportata f'Kollez. Vol. LXIX-I120).*

*Addizzjonalment, decizjonijiet lokali ohrajn - li huma f'inferjorità numerika- sostnew in-natura innominata sui generis tar-rapport li jghaddi bejn avukat u klijent. F'dan is-sens, issir referenza ghad-decizjonijiet li gejjin:*

*(a) Avukat Dr. Alfredo Mercieca et v. Francesco Bonaci et pro et noe (Appell Civili, 25 ta' April, 1938; riportata f'Kollez. Vol. XXX-I-625) li fiha inghad illi l-obbligu assunt mill-avukat minghand il-klijent tieghu huwa "assolutament sui generis" u dan b'citazzjoni minn sentenza tat-Tribunal ta' Ruma li sostniet tghid hekk: "l'esercizio dell'avvocatura non è mandato ne una locazione d'opera, benchè sia a questa che a quella che si avvicini; esso è un ufficio inestimabile." Il-Qorti sostniet hekk: "L-avukat ladarba ghandu jkollu l-inkarigu minghand il-klijent biex jiddefendih f'kawza civili jew kummercjali, ghandu skond il-ligi jesplika l-attivitá professjonali tieghu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici, skond it-taghlim tad-dottrina, skond il-kuxjenza tieghu, u ma jistax ikun kunsidrat bhala dipendent fl-esplikazzjoni ta' din l-attivitá mill-klijent tieghu, ghaliex huwa fl-istess zmien ikun qieghed jidher bhala funzjonarju pubbliku quddiem il-Qrati, u huwa regolat u dixxiplinat minn certi regoli specjali.";*

*(b) Spiridione Zammit v. Avv. Dr. Antonio Caruana (Appell Civili, 4 ta' Dicembru, 1957; riportata f'Kollez. Vol. XLI-I-572) fejn inghad, inter alia, li, "Gie minn din il-Qorti ritenut (Vol. XXX-I-625) li l-inkarigu li jassumi l-avukat biex jippatrocina lill-klijent huwa inkarigu ghal kollox 'sui generis', li javvicina lill-lokazzjoni d'opera u lill-mandat."*

*Il-materja giet ricerkata ulterjorment minn dan it-Tribunal. Tali ricerka sehhet qalb id-duttrina estera hekk kif ser jintwera aktar 'l isfel. Minn tali ricerka rrizulta li t-tezi prevalenti, kemm dik dottrinali passata u kif ukoll dik aktar moderna, issostni li r-rapport bejn avukat u klijent jippartecipa, primarjament, minn fuzjoni taz-zewg istituti guridici ta' locatio operis u ta' mandatum, u mhux solament, jew esklussivament, minn xi wiehed minnhom ad eskluzjoni ta' l-iehor.*

*Prevalentement, il-prestazzjoni li ghaliha hu tenut l-avukat, fuq l-iskorta ta' l-inkarigu preciz konferit lilu mill-klijent, tikkostitwixxi espressjoni ta' kuntratt ta' locatio operis, ossia ta' lokazzjoni ta' prestazzjoni t'opra intelletwali da parti tal-professjonist lill-istess klijent. F'tali cirkostanzi, allura jinsorgi l-legam skond dak previst fl-Art. 1633 tal-Kodici Civili li jghid: "Meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal." Hawnhekk il-klijent qed jinqeda mill-professjonist u s-servizz moghti jservi ta' gwida dwar il-jeddijiet li l-klijent jixtieq jivvinta jew jippersegwi.*

*Izda kif rajna aktar kmieni, l-inkarigu ta' l-avukat jaf ikun aktar estiz u wiesa', ossia mhux is-semplici ghoti ta' parir. L-inkarigu moghti mill-klijent lill-avukat jaf ikun sabiex dan ta' l-ahhar jirrapprezenta l-interessi ta' dak ta' l-ewwel f'xi procediment gudizzjarju, fejn il-klijent ikun irid iwassal lehnu qua attur jew bhala mharrek. F'tali xenarju, l-irwol ta' l-avukat mhux biss li jaghti parir lill-klijent tieghu dwar il-kwistjoni, izda iservi wkoll ta' organu ta' trasmissjoni bejn il-klijent fuq naha u l-awtorità gudizzjarja fuq in-naha l-ohra. Hawnhekk tispikka n-natura tal-mandat fir-relazzjoni avukat-klijent. Fl-ispecifiku tali mandat jista' jinghad li huwa wiehed ad litem.*

*Fiz-zewg xenarji fuq deskritti, hemm dejjem minsug l-irwol semi-pubbliku li jirrivesti l-professjonist forensi postulat fis-sentenza in re Avv. Alfredo Mercieca et v. Francesco Bonaci et pro et noe fuq citata u f'dik in re Giovanni Mangion et v. Avukat Professur Giulio Cortis (Prim'Awla, 26 ta' April, 1939). Fl-ahhar citata decizjoni inghad, inter alia, li l-irwol ta' avukat "ghandu kwalità semi-pubblika, u jigi munit mill-Istat b'funzjonijiet specjali u ta' delikatezza kbira fl-amministrazzjoni tal-gustizzja."[13] Minn dan jiddixxendi obbligu, ossia dak ta' korrettezza, ta' bona fidi u ta' fiducja.*

[13] *Fl-istess termini jesprimi ruhu l-awtur MARCELLO ADRIANO MAZZOLA ("Responsabilità Processuale", UTET, 2013; p. 703) fejn jghid li, "la funzione dell'avvocato, svolgente una professione sui generis di rilievo costituzionale e particolarmente delicata, occupandosi della tutela dei diritti."*

*Ghandu jkun logiku illi bhal kull forma ta' rapport guridiku iehor, sotratt bazilari fil-legam bejn klijent u avukat, hija l-fiducja, intiza bhala estensjoni naturali tal-kuncetti ta' korrettezza socjali u ta' dik il-bona fidi pervadenti kull negozju guridiku hekk kif sancit fl-Art. 993 tal-Kodici Civili.[14] Dan hu pilastru fundamentali fir-relazzjoni li tghaddi bejn l-imsemmija zewg figuri. Il-fiducja tfisser lealtà reciproka u kjarezza fil-komportament ta' entrambi li zzommhom f'ekwilibriju reciporku: fl-aspett purament ta' locatio operis, il-klijent huwa dak li jistipula l-kuntatt, ossia vinkolu, ta' prestazzjoni t'opra ma' l-avukat filwaqt li f'dak ta' mandat, il-parti assistita hi dik li tirrilaxxa l-inkarigu lill-avukat biex dan tal-ahhar jirraprezenta l-interessi taghha. Obbligu tal-avukat - implicitu fiz-zewg istituti u derivanti mill-kodici t'etika li jirregolawh - huma dawk, inter alia, ta' prestazzjoni adegwata skond l-ahjar hila ta' l-avukat u l-obbligu t'informazzjoni dwar in-natura tal-kwistjoni fattwali u/jew guridika; dwar l-andament tal-procediment; dwar inizjattivi u/jew mansjonijiet li ghandhom jittiehdu; dwar il-kompiment jew l-ezekuzzjoni, skond l-ahjar abilità tieghu, ta' atti partikolari sabiex jigu evitati sitwazzjonijet negattivi jew avversi, et cetera. Premess dan kollu minn ottika purament teoretika, l-esperjenza ta' kuljum tghallem illi l-ezatti natura tar-rapport bejn klijent u avukat huwa ferm aktar kumpless u allura l-linja ta' demarkazzjoni tant semplici mill-perspettiva ta' teorija, tisfuma fix-xejn meta rigwardata minn lenti pragmatika jew aktar realistika (u l-kaz odjern hu ezempju car ta' dan). Ghalhekk, ikun aktar opportun - hekk kif tikkontendi d-duttrina maggoritarja moderna f'dan ir-rigward - li wiehed jghid illi r-relazzjoni bejn avukat u klijent tippartecipa prevalentement u fl-istess hin kemm mill-istitut ta' locatio operis ta' servizzi intelletwali u kif ukoll minn dak tal-mandat, entrambi vinkoli kuntrattwali."*

*Magħmula din ir-rassenja ta' ġurisprudenza lokali, l-Qorti tgħaddi biex teżamina il-każistika in materja tal-Qorti Ewropeja fir-rigward kif riferuta lilha fin-nota ta' referenza ta' l-attur datata 4 ta' Novembru, 2020.[15]*

*Jingħad fl-ewwel lok in linea ta' prinċipju ġenerali li, kif anke rikonoxxut mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja stess, is-sitwazzjoni legali in materja tvarja fl-iStati Membri. Fil-każ Nru 155/79 fl-ismijiet AM & S Europe Ltd v Commission of the European Communities tat-18 ta' Mejju 1982 ġie rikonoxxut li –*

> *"19. As far as the protection of written communications between lawyer and client is concerned, it is apparent from the legal systems of the Member States that, although the principle of such protection is generally recognized, its scope and the criteria for applying it vary.....*
>
> *20. Whilst in some of the Member States the protection against disclosure afforded to written communications between lawyer and client is based principally on a recognition of the very nature of the legal*

---

[14] *Dwar il-kuncetti ta' bona fidi u korrettezza f'kontrattazzjoni ara in re Charles Seisun v. Joseph Vancell et (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 2 ta' Lulju, 2018) u in re Impel Communications Company Limited v. Gerard Attard et (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 15 ta' Ottubru, 2018).*
[15] *Folio 219.*

*profession, inasmuch as it contributes towards the maintenance of the rule of law, in other member States the same protection is justified by the more specific requirement (which, moreoever, is also recognized in the first-mentioned States) that the rights of the defence must be respected.*

*21. Apart from these differences, however, there are to be found in the national laws of the Member States common criteria inasmuch as those laws protect, in similar circumstances, the confidentiality of written communications between lawyer and client provided that, on the one hand, such communications are made for the purposes and in the interests of the client's rights of defence and, on the other hand, they emanate from independent lawyers, that is to say, lawyers who are not bound to the client by a relationship of employment.*
*......*

*24 .....the requirement as to the position and status as an independent lawyer, which must be fulfilled by the legal adviser from whom the written communications which may be protected emanate, is based on a conception of the lawyer's role as collaborating in the administation of justice by the courts and as being required to provide, in full independence, and in the overriding interests of that cause, such legal assistance as the client needs."*

*Huwa paċifiku li fil-każ odjern si tratta ta' pariri legali mogħtija in-house mit-taqsima legali tal-Bank konvenut stess u mhux ta' pariri legali minn avukati esterni u ndipendenti.*

*Fil-każ tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-ismijiet Azko Nobel Chemicals Ltd & Akros Chemicals Ltd vs Commission of the European Communities Joined Cases T-125/03 and T-253/03 tal-14 ta' Settembru 2010, li għalija saret referenza mill-attur saru diversi kunsiderazzjonijiet dwar id-distinzjoni bejn pariri legali interni u dawk esterni għall-fini tal-għoti ta' privileġġ fuq il-kontenut tagħhom. Speċifikatament dwar il-pariri nterni ngħad hekk fost oħrajn –*

*"42 ...the Court observed, in paragraph 24 of the judgement in AM & S Europe vs Commission, that the requirement as to the position and status as an independent lawyer, which must be fulfilled by the legal adviser from whom the written communications which may be protected emanate, is based on a conception of the lawyer's role as collaborating in the administration of justice and as being required to provide, in full independence and in the overriding interests of that cause, such legal assistance as the client needs.*

*The counterpart to that protection lies in the rules of professional ethics and discipline which are laid down and enforced in the general interest. The Court also held, in paragraph 24, that such a conception reflects the legal traditions common to the Member States and is also to be found in the legal order of the European Union, as is demonstrated by the provisions of Article 19 of the Statute of the Court of Justice.*

*43. The Court repeated those findings in paragraph 27 of that judgment, according to which written communications which may be protected by legal professional privilege must be exchanged with 'an*

*independent lawyer, that is to say one who is not bound to his client by a relationship of employment'.*

*44. It follows that the requirement of independence means the absence of any employment relationship between the lawyer and his client, so that legal professional privilege does not cover exchanges within a company or group with in-house lawyers.*

*45. As the Advocate General observed in points 60 and 61 of her Opinion, the concept of the independence of lawyers is determined not only positively, that is by reference to professional ethical obligations, but also negatively, by the absence of an employment relationship. An in-house lawyer, despite his enrolment with a Bar or Law Society and the professional ethical obligations to which he is, as a result, subject, does not enjoy the same degree of independence from his employer as a lawyer working in an external law firm does in relation to his client. Consequently, an in-house lawyer is less able to deal effectively with any conflicts between his professional obligations and the aims of his client.*

*46. As regards the professional ethical obligations relied on by the appellants in order to demonstrate Mr S.'s independence, it must be observed that, while the rules of professional organisation in Dutch law mentioned by Akzo and Akcros may strengthen the position of an in-house lawyer within the company, the fact remains that they are not able to ensure a degree of independence comparable to that of an external lawyer.*

*47. Notwithstanding the professional regime applicable in the present case in accordance with the specific provisions of Dutch law, an in-house lawyer cannot, whatever guarantees he has in the exercise of his profession, be treated in the same way as an external lawyer, because he occupies the position of an employee which, by its very nature, does not allow him to ignore the commercial strategies pursued by his employer, and thereby affects his ability to exercise professional independence.*

*48. It must be added that, under the terms of his contract of employment, an in-house lawyer may be required to carry out other tasks, namely, as in the present case, the task of competition law coordinator, which may have an effect on the commercial policy of the undertaking. Such functions cannot but reinforce the close ties between the lawyer and his employer.*

*49. It follows, both from the in-house lawyer's economic dependence and the close ties with his employer, that he does not enjoy a level of professional independence comparable to that of an external lawyer.*

*50. Therefore, the General Court correctly applied the second condition for legal professional privilege laid down in the judgment in AM & S Europe v Commission.*

*.....*

*52. Akzo and Akcros submit that, in paragraph 174 of the judgment under appeal, the General Court wrongly rejected the claim that refusing to apply legal professional privilege to correspondence exchanged with an in-house lawyer violates the principle of equal treatment. The independence guaranteed by the rules of professional ethics and discipline applicable in the present case should be the benchmark for determining the scope of that principle. According to that criterion, the position of in-house lawyers enrolled with a Bar or Law Society is no different from that of external lawyers.*

*53 The Commission takes the view that the General Court, in paragraph 174 of the judgment under appeal, rightly held that in-house lawyers and external lawyers are clearly in very different situations, owing, in particular, to the personal, functional, structural and hierarchical integration of in-house lawyers within the companies that employ them.*

*(iii) Findings of the Court*

*54. It must be recalled that the principle of equal treatment is a general principle of European Union law, enshrined in Articles 20 and 21 of the Charter of Fundamental Rights of the European Union.*

*55. According to settled case-law, that principle requires that comparable situations must not be treated differently and that different situations must not be treated in the same way unless such treatment is objectively justified (see Case C-344/04 IATA and ELFAA [2006] ECR I-403, paragraph 95; Case C-303/05 Advocaten voor de Wereld [2007] ECR I-3633, paragraph 56; and Case C-127/07 Arcelor Atlantique et Lorraine and Others [2008] ECR I-9895, paragraph 23).*

*56. As to the essential characteristics of those two categories of lawyer, namely their respective professional status, it is clear from paragraphs 45 to 49 of this judgment that, despite the fact that he may be enrolled with a Bar or Law Society and that he is subject to a certain number of professional ethical obligations, an in-house lawyer does not enjoy a level of professional independence equal to that of external lawyers.*

*57. As the Advocate General stated, in point 83 of her Opinion, that difference in terms of independence is still significant, even though the national legislature, the Netherlands legislature in this case, seeks to treat in-house lawyers in the same way as external lawyers. After all, such equal treatment relates only to the formal act of admitting an in-house lawyer to a Bar or Law Society and the professional ethical obligations incumbent on him as a result of such admission. On the other hand, that legislative framework does not alter the economic dependence and personal identification of a lawyer in an employment relationship with his undertaking.*

*58. It follows from those considerations that in-house lawyers are in a fundamentally different position from external lawyers, so that their respective circumstances are not comparable for the purposes of the case-law set out in paragraph 55 of this judgment.*

*59. Therefore, the General Court rightly held that there was no breach of the principle of equal treatment.*

*60. Consequently, the second argument put forward as part of the first ground of appeal must also be rejected.*

*......*

*65. Akzo and Akcros submit that, having regard to significant recent developments 'in the legal landscape' since 1982, the General Court should have 'reinterpreted' the judgment in AM & SEurope v Commission, as far as concerns the principle of legal professional privilege.*

*66. Akzo and Akcros take the view that, in paragraphs 170 and 171 of the judgment under appeal, the General Court wrongly refused to widen the personal scope of legal professional privilege on the ground that national laws are not unanimous and unequivocal in recognising legal professional privilege for communications with in-house lawyers. Notwithstanding the lack of a uniform tendency at national level, European Union law could set legal standards for the protection of the rights of defence which are higher than those set in certain national legal orders.*

*67. The Commission observes that, by their plea, the appellants are essentially asking the Court to change the case-law deriving from the judgment in AM & S Europe v Commission.*

*68. The Commission states that the appellants do not challenge the General Court's finding that there is no clear majority support in the laws of the Member States for the premiss that communications with in-house lawyers should be protected by legal professional privilege.*

*(ii) Findings of the Court*

*69. It must be recalled that the Court stated, in its reasoning in the judgment in AM & S Europe v Commission relating to legal professional privilege in investigation procedures in matters of competition law, that that area of European Union law must take into account the principles and concepts common to the laws of the Member States concerning the observance of confidentiality, in particular, as regards certain communications between lawyer and client (see paragraph 18 of that judgment). For that purpose, the Court compared various national laws.*

*70. The Court observed, in paragraphs 19 and 20 of the judgment in AM & S Europe v Commission that, although the protection of written communications between lawyer and client is generally recognised, its scope and the criteria for applying it vary in accordance with the different national rules. However, the Court acknowledged, on the basis of that comparison, that legal professional privilege should be protected under European Union law, as long as the two conditions laid down in paragraph 21 of that judgment are fulfilled.*

*71. As the General Court held, in paragraph 170 of the judgment under appeal, even though it is true that specific recognition of the role*

*of in-house lawyers and the protection of communications with such lawyers under legal professional privilege was relatively more common in 2004 than when the judgment in AM & S Europe v Commission was handed down, it was nevertheless not possible to identify tendencies which were uniform or had clear majority support in the laws of the Member States.*

*72. Furthermore, it is clear from paragraph 171 of the judgment under appeal that a comparative examination conducted by the General Court shows that a large number of Member States still exclude correspondence with in-house lawyers from protection under legal professional privilege. Additionally, a considerable number of Member States do not allow in-house lawyers to be admitted to a Bar or Law Society and, accordingly, do not recognise them as having the same status as lawyers established in private practice.*

*73. In that connection, Akzo and Akcros themselves accept that no uniform tendency can be established in the legal systems of the Member States towards the assimilation of in-house lawyers and lawyers in private practice.*

*74. Therefore no predominant trend towards protection under legal professional privilege of communications within a company or group with in-house lawyers may be discerned in the legal systems of the 27 Member States of the European Union.*

*75. In those circumstances, and contrary to the appellants' assertions, the legal regime in the Netherlands cannot be regarded as signalling a developing trend in the Member States, or as a relevant factor for determining the scope of legal professional privilege.*

*76. The Court therefore considers that the legal situation in the Member States of the European Union has not evolved, since the judgment in AM & S Europe v Commission was delivered, to an extent which would justify a change in the case-law and recognition for in-house lawyers of the benefit of legal professional privilege."*

*Kif ben espona l-avukat tal-bank konvenut id-deċiżjonijiet li għamel referenza għalihom l-attur kienu mogħtija f'ambitu tal-Liġi tal-kompetizzjoni, verament wieħed mill-pilastri fundamentali fil-kuntest tal-Liġi Ewropeja. Pero bla dubbju, nonostante ċioe, m'hemmx qbil fuq it-tematika in kwistjoni bejn il-pajjiżi membri.*

*Kien preċiż għalhekk lil Qorti għamlet rassenja ftit tul tan-natura tar-relazzjoni eżistenti bejn avukat u klijent tiegħu dana fil-każistika nostrana enunżjata. Eżami li għażlet li tagħmel ukoll il-Qorti Ewropeja biex wasslet għal konklussjoni tagħha kif rajna.*

*Imkien mill-kazistika nostrali ma tinstab ebda referenza jew differenza bejn in house lawyer, wieħed f'impieg, u avukat hekk imsejjaħ fil-privat. Il-liġi nostrali ma tagħraf ebda distinzjoni u lanqas il-Kodiċi ta' l-Etika li torbot l-Avukat.*

*Barra mill-ambitu tal-liġi tal-kompetizzjoni biex wieħed għalhekk jibqa' n regola ma dak li qalet il-Qorti Ewropeja, il-Qorti ma tarax kif id-dipendenza finanzjara ta' avukat fil-konfront tad-datur ta' l-impieg tiegħu tista tibdillu r-relazzjoni li tinħoloq bejniethom meta jiġi mitlub jagħti parir legali. Ma tarax li tali mpieg jnaqqar l-obbligu ta' dak l-avukat lejh, la fil-konfront ta' pariri jew difiza ġo Qorti, meta dan jkun fdat b'mandat u nfittxa s-sapjenza u elokwenza legali tiegħu (il-locatio opera), dan biex wieħed jorbot ma dak suriferut. L-impieg jista' jagħmlu finanzjarjament dipendenti pero ma jibdel xejn minn dik ir-responsabilta' li avukat għandu fil-qadi ta' dmirijietu u anqas ma jtaffilu il-komportament ġust u morali li bih* ***kull*** *avukat hu marbut bil-kodiċi ta' l-Etika u bil-ġurament li ħa.*

*Kif sostanzjalment ingħad fis-suespost, il-protezzjoni tal-liġi Komunitarja fir-rigward tal-privileġġi ta' pariri legali tapplika biss fejn si tratta ta' avukati ndipendenti u ċioe' dawk li ma humhiex marbutin mal-klijent permezz ta' relazzjoni ta' mpjieg. Pariri mogħtija minn in-house lawyers, skont l-istess ġurisprudenza mhumhiex meqjusa privileġġjati għall-finijiet u effetti tal-liġi.*

*Tqies pero li dan mhux il-kaz fil-liġi nostrana ġia n kwantu hawn ċertament non si tratta ta' kwistjoni fil-mertu eżaminati mill-Qorti Ewropeja. Ċertament Dr.Brancaleone jekk mhux eżentat mill-bank ma jistax jisupera dan l-ostakolu u minn jeddu jegħleb ix-xewqa tal-klijent tiegħu anke jekk dan huwa d-datur ta' l-impieg tiegħu, tah min tah il-parir legali. Lanqas hu ġust li avukat jitqiegħed f'din is-sitwazzjoni tant skomda, kif ngħidu "caught between the rock and a hard place."*

*Pero stante lil privilegg hawn studjat jolqot u jifavorixxi lil klijent, hawn fil-figura tal-bank, ma tarax għaliex dan għandu issa jinħeba wara dan il-privilegg u sa fejn biss* ***jirrigwarda lil attur*** *żżomm prova meħtiega għal dan biex issaħħah id-dritt sostantiv infittex minnu meta tali prova tista' tkun waħda tant direttament marbuta ma din il-vertenza, dan anke fuq is-saħħa tal-prinċipju ta' equality of arms bejn il-partijiet fejn informazzjoni mistura xxaqleb il-miżien a favur parti bi preġudizzju għal oħra. Din mhux mod kif tiġi riflessa l-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja".*

6. Peress li d-digriet tad-9 ta' Ġunju, 2021, ingħata bi qbil bejn il-partijiet *in camera* (ara verbal a fol. 227), fis-seduta ta' wara, jiġifieri dik tal-24 ta' Novembru, 2021, (ara verbal a fol. 268) id-difensur tal-Bank konvenut talab il-permess lill-Ewwel Qorti sabiex iressaq appell mill-imsemmi digriet u waqt l-istess seduta ppreżenta rikors f'dan is-sens (ara

fol. 274 -276). Wara li d-difensuri tal-partijiet trattaw l-istess rikors waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu, 2022, il-kawża baqgħet differita għall-provvediment. L-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-Bank konvenut li jappella mid-digriet tad-9 ta' Ġunju, 2021, permezz tad-digriet tagħha tat-12 ta' Ottubru, 2022.

7. Permezz tar-rikors tal-appell tiegħu tat-18 ta' Ottubru, 2022, il-Bank konvenut fisser l-aggravju tiegħu dwar id-digriet appellat fis-sens illi skont l-insenjament ikkwotat mill-Ewwel Qorti stess, skont il-liġi Maltija, pariri legali bejn avukat u klijent huma privileġġjati rrispettivament jekk l-avukat huwiex mpjegat tal-parti jew avukat li jaħdem għal rasu. Għalhekk isegwi li l-istess regoli għandhom japplikaw u r-regola tal-privileġġ għandha tapplika għal tali pariri legali. In sostenn tal-aggravju tiegħu, il-Bank appellant jagħmel referenza għal uħud mill-istess konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fl-istess deċiżjoni tagħha, li tinkludi analiżi riċerkata, iżda jikkontendi li waslet għal konklużjoni differenti minn dik li kien qiegħed jistenna l-Bank appellant fosthom:

- Issir referenza għall-provvediment tal-Artikolu 588 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) li jitratta proprju s-sigriet professjonali li jorbot lill-avukat versu l-klijent tiegħu;

- Il-każistika Maltija ma tagħmilx distinzjoni bejn *in-house lawyer* li jkun impjegat mill-klijent tiegħu u l-avukat estern – it-tnejn huma professjonisti regolati bl-istess prinċipji riżultanti mil-liġi Maltija;

- B'differenza minn dan, il-każistika tal-ECJ tirrikonoxxi l-possibbiltà li l-kunċett tal-privileġġ u segretezza professjonali jiġi eskluż fil-kuntest ta' investigazzjonijiet jew proċeduri marbuta ma' allegat ksur tal-liġijiet tal-kompetizzjoni. Dan fid-dawl tal-fatt li l-kompetizzjoni ħielsa hija waħda mill-pilastri tal-liġi Ewropea.

- Il-proċeduri odjerni mhumiex marbuta mal-liġi ta' kompetizzjoni u kif osservat l-Ewwel Qorti, il-każistika Ewropea ma teskludix l-applikazzjoni tal-liġi Maltija dwar privileġġ u segretezza professjonali, li għandha titqies li tapplika wkoll għal *in-house counsel.*

8. Minkejja li l-Ewwel Qorti għamlet dawn il-punti, il-Bank appellant jikkontendi li kien sorpriż kif allura, l-istess Qorti waslet sabiex tordna li tiġi esebita l-informazzjoni privileġġjata. Il-vertenza għalhekk mhijiex dwar in-natura tal-informazzjoni mitluba, iżda speċifikatament jekk il-Qorti għandhiex tagħmel eċċezzjoni u tordna l-produzzjoni tagħha minkejja li hija privileġġjata. L-appellant jagħmel referenza wkoll għall-Att Dwar Segretezza Professjonali (Kap. 377 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex jenfasizza d-dmir ta' segretezza professjonali li avukat għandu versu l-klijent tiegħu.

Il-Bank appellant jikkontendi li l-liġi ma tagħmel l-ebda eċċezzjoni għar-rilevanza jew nuqqas tagħha għall-mertu tal-każ, jew għat-teżi tal-attur u għalhekk ir-raġunament li tali informazzjoni għandha tinkixef sempliċement għaliex taġevola lill-attur fil-kawża, hija bla bażi proċedurali. L-appellant jagħmel referenza wkoll għal-linji gwida maħruġa mill-Kamra tal-Avukati dwar is-segretezza professjonali u l-privileġġ legali, li tikkonferma li l-privileġġ jista' jiġi mwarrab biss fejn il-klijent jagħti l-kunsens tiegħu u/jew f'eċċezzjonijiet marbuta ma' liġijiet kriminali.

9. L-attur appellat, permezz tar-risposta tal-appell tiegħu wieġeb għall-imsemmi appell fit-23 ta' Novembru, 2022, fejn filwaqt li jsostni li d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta' Ġunju, 2021, huwa ġust u jimmerita li jiġi kkonfermat, bħala retroxena tal-fatti mogħtija mill-Bank appellant, iżid li permezz ta' deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Mejju, 2016, (li ġġib referenza 546/16 annessa mal-istess risposta) fl-istess ismijiet, inibiet il-Bank milli:

(I) ikeċċi, jittermina l-impjieg jew jieħu xi passi li jistgħu jċaħħdu lir-rikorrent mill-eliġibilità tiegħu għall-ħlas ta' *terminal entitlement* lilu spettanti; u

(II) jiddevulga xi allegazzjoni dwar ir-rikorrent lil xi terzi persuni, jew b'xi mod ieħor jitfa' dell ikrah fuq ir-reputazzjoni tar-rikorrent.

L-appellat jisħaq li l-Bank appellant ma jistax issa joqgħod jipprova jinħeba wara l-privileġġ sabiex jostor dak kollu li għamel, li kisser lill-appellant u ddistruġġielu l-karriera tiegħu. Għalkemm wara li l-attur appellat ħareġ it-taħrikiet meħtieġa sabiex jiġu esebiti dokumenti speċifiċi, fosthom minuti tal-laqgħat li fihom issemma u ġie diskuss il-każ tal-attur, il-Bank appellant ippreżenta minuti li partijiet sħaħ minnhom ġew maqtugħa barra bil-pretest li kien hemm informazzjoni privileġġjata, inkwantu kienet ibbażata fuq parir legali. L-Ewwel Qorti, tenut kont taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali tal-każ, fejn il-Bank qiegħed jiġi akkużat b'affarijiet serjissimi, u tali allegazzjonijiet jingħad li saru b'responsabbiltà kbira, kienet sabet li l-Bank kellu jesebixxi l-minuti mhux redatti, inkluż il-pariri legali interni tiegħu. Jilmenta li jekk l-appell tal-Bank jintlaqa' fuq il-pretest li dawn il-partijiet redatti kienu jikkostitwixxu pariri legali, il-Bank appellant jirnexxilu jaħrab mir-responsabbiltajiet tiegħu.

10. Dwar l-erba' punti mqanqla mill-Bank appellant, l-attur appellat iwieġeb:

(i) Dwar l-Artikolu 588 tal-Kap. 12 l-appellat jagħmel żewġ osservazzjonijiet: (a) il-provvediment tal-liġi jitkellem dwar żewġ

persuni separati – l-avukat u l-klijent – f’dan il-każ l-avukat huwa parti integrali mill-klijent u mhuwiex persuna indipendenti mill-klijent; (b) dan il-provvediment tal-liġi qiegħed hemm sabiex jipproteġi lill-avukat sabiex ma jiġix kostrett jixhed dak li afda fih il-klijent. Isostni li l-klijent mhuwiex privileġġjat u m’għandu l-ebda protezzjoni kif jivvanta l-Bank appellant, aktar u aktar meta l-parir legali jingħata mid-dipendenti tal-klijent.

(ii) Il-fatt li l-każistika ma tagħmilx distinzjoni bejn *in-house lawyer* u avukat estern, huwa argument li ma jwassal imkien, peress li daqstantieħor il-każistika qatt ma qalet li dak li jgħid internament *in-house lawyer* huwa protett, anzi hemm ġurisprudenza estera li tgħid l-oppost.

(iii) L-attur appellat ma jaqbel xejn mal-argument tal-Bank appellant fis-sens li l-ġurisprudenza Ewropea mxiet fid-direzzjoni li dak li jgħid *in-house lawyer* mhux protett limitatament fil-qasam tal-liġi tal-kompetizzjoni, waħda mill-pilastri tal-liġi Ewropea u b’hekk dawn is-sentenzi għandhom jingħataw interpretazzjoni restrittiva, bħallikieku dan il-qasam huwa wieħed *sui generis* jew straordinarju, li għandu jiġi meqjus b’mod differenti minn oqsma oħra. Għalkemm is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rrikonoxxew bħala fatt li fi stati membri, il-privileġġ li għandu parir legali, ivarja minn stat għal stat,

madankollu l-Ewwel Qorti ddeċidiet li *in-house lawyers* għandhom jiġu trattati differenti minn avukati esterni, irrispettivament mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dan tenut kont ta' prinċipji oħra bażilari tal-liġi Ewropea, bħalma huma dawk tal-aċċess għall-ġustizzja, element bażilari għas-saltna tad-dritt, li huwa l-pedament li fuqu jistrieħu l-valuri fundamentali li fuqha tissejjes l-Unjoni Ewropea; kif ukoll il-prinċipju ta' "*equality before the law*" li jirrispetta d-*due process* fil-produzzjoni tal-evidenza, sabiex tiġi provduta ġustizzja ugwali, sabiex jiġi assigurat li l-ebda individwu jew grupp ta' individwi ma jkollhom vantaġġ fuq parti oħra. L-appellat jikkontendi li l-Bank appellant qiegħed jipprova jabbuża mir-regola tal-privileġġ u qiegħed jagħmel minn kollox sabiex jostor l-evidenza meħtieġa sabiex l-appellat jipprova l-każ tiegħu. Il-limitazzjonijiet fuq id-dritt li tiġi prodotta xhieda idoneja trid tkun proporzjonata u tali limitazzjonijiet ma jistgħu qatt joqtlu għalkollox il-prinċipju ta' *access to justice* u *equality before the law.* Il-proporzjonalità tirrikjedi li jsir bilanċ bejn l-iskop li jrid jiġi ottenut u l-miżuri wżati.

(iv) Dokumenti nterni u komunikazzjonijiet bejn l-*executives* tal-Bank, kemm jekk avukati, jew le, ma jistgħux jiġu eżentati milli jiġu prodotti meta n-natura sensittiva u legali ta' dak id-dokument għadha mhux ċara u ma tistax tiġi oġġettivament determinata. L-appellat jisħaq li l-Bank appellant ma jistax ipoġġi kollox f'borma waħda u jgħid

li kollox kopert mis-sigriet professjonali, iżda jmissu stqarr quddiem l-Ewwel Qorti li ċertu dokumenti identifikabbli huma koperti bi privileġġ ladarba ġew preparati wara li saret talba għal parir legali. L-appellat jagħmel distinzjoni bejn avukat *in-house lawyer* li bħal kull impjegat ieħor tal-Bank ikun suġġett għar-regoli nterni tal-Bank, u li jirrispondi għas-superjuri tiegħu, li allura ma jistax jitqies għalkollox indipendenti bħal avukat estern. Għalhekk ikun diffiċli li wieħed jiddistingwi bejn meta dak l-*in-house lawyer* ikun qiegħed jaġixxi bħala avukat u meta qiegħed jaġixxi bħal kull impjegat ieħor. Illi jekk id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti ser tiġi mħassra, allura l-Bank appellant ikun jista' jirreżisti taħrika għall-esebizzjoni ta' dokument sempliċement għax impjegat tiegħu li jkun avukat ikun ipparteċipa għal xi laqgħa, jew b'xi mod ikkumenta.

11. Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

12. Illi jibda billi jingħad illi, kif ġustament osservat mill-Ewwel Qorti, l-Artikolu 588 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi, fost affarijiet oħra, għas-sigriet professjonali, fejn jingħad espressament li l-avukat ma jistax, mingħajr il-kunsens tal-klijent, jiġi mistoqsi dwar ħwejjeġ li jkun sar jaf, li jkun ġie fdat lilu mill-klijent għall-fini tal-kawża. Apparti minn hekk, jekk wieħed jara r-Regola 1 tat-Taqsima VI tal-Kodiċi tal-Etika u Mġieba għall-

Avukati maħruġa mill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja din li tipprovdi illi "*L-avukat hu marbut mhux biss bis-sigriet professjonali, iżda wkoll bl-obbligu tal-kunfidenzjalità, li jrid iżomm huwa u li jara li jżommu l-impjegati ta' l-ufficċju tiegħu."* B'żieda ma' dan, f'Kapitolu II dwar "**Meta Avukat ikun Impjegat**", ir-Regola numru 1 tipprovdi wkoll li "***Avukat fl-impieg huwa marbut bir-regoli ta' l-imġieba professjonali bl-istess mod bħal avukat fil-prattika privata."***

13. Din il-Qorti ma taqbel xejn mal-interpretazzjoni mogħtija mill-attur appellat dwar l-Artikolu 588 tal-Kap. 12, meta jgħid li għalkemm dan il-provvediment tal-liġi jsemmi żewġ persuni, essenzjalment l-avukat huwa parti integrali mill-klijent, u li dan il-provvediment qiegħed hemm sabiex jipproteġi lill-avukat, mentri l-klijent mhuwiex privileġġjat. Relevanti f'dan il-kuntest, hija s-silta ċitata mill-Ewwel Qorti b'rabta mas-sentenza ta' din il-Qorti, tal-31 ta' Jannar, 2019, fil-kawża fl-ismijiet **Robert Hornyold Strickland v. Allied Newspapers Limited et** minn fejn jirriżulta ċar li l-privileġġ huwa tal-klijent u mhux tal-avukat, inkwantu r-rabta tas-sigriet professjonali tista' tinħall biss mill-klijent (ara b'mod partikolari paragrafi 18 sa 21 tal-istess sentenza u r-riċerka estensiva hemm magħmula). Din il-Qorti tħaddan bis-sħiħ il-prinċipji enunċjati f'dik is-sentenza.

14. Hekk ukoll, kif ingħad mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fid-deċiżjoni tiegħu tal-31 ta' Lulju, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Annabel Falzon**

**v. L-Awtorità tal-Artijiet,** fejn hemm ingħad li avukat mill-uffiċju tal-Avukat Ġenerali huwa marbut ukoll bis-sigriet professjonali u bl-obbligu ta' konfidenzjalità u li: **"***dak li verament qiegħed jiġi tutelat mhux biss jirrigwarda l-operat tal-avukat involut iżda l-operat tal-klijenti tal-istess avukat li jinteraġixxi miegħu fl-akbar libertà fiċ-ċertezza li dak li ser jingħad u jinġieb f'idejn l-avukat tiegħu ser jinżamm sigriet fl-istess interess tad-drittijiet tal-klijent involut;"* Hekk ukoll, f'każ aktar reċenti, permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Ottubru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet **Malcolm Bondin et v. Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku et,** filwaqt li l-Qorti kkonfermat id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li kellhom jiġu esebiti l-*files* relattivi għall-proċess ta' sejħa ta' mili ta' vakanzi fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, b'dan illi għamlitha ċara li *"pariri legali li setgħu ngħataw u li jinsabu fil-files relattivi m'għandhomx jinkixfu."* Dan kollu jsostni t-tieni punt imqanqal mill-Bank appellant.

15. Dan iwassal għall-konsiderazzjoni tat-tielet u r-raba' punti sollevati mill-Bank appellant, li jagħmel sens li jiġu trattati f'daqqa, inkwantu huma indubjament marbuta ma' xulxin. Tabilħaqq li mill-każistika ppreżentata mill-attur appellat **każ Nru 155/79 fl-ismijiet AM & S Europe Ltd v. Commission of the European Communities tat-18 ta' Mejju 1982, Azko Nobel Chemicals Ltd & Akros Chemicals Ltd v. Commission of the European Communities Joined Cases T-125/03 and T-253/03 tal-14 ta' Settembru 2010**, jirriżulta li fil-kuntest ta' proċeduri marbuta ma'

investigazzjonijiet fil-qasam tal-kompetizzjoni saret id-distinzjoni bejn avukat li jkun impjegat u dak l-avukat li jkun estern, b'tali mod li tqis li m'hemmx l-istess privileġġ u protezzjoni fil-każ ta' avukat impjegat, peress li tqis li dan mhuwiex indipendenti. Mill-istess sentenzi jirriżulta li għalkemm m'hemmx qbil fuq it-tematika inkwistjoni bejn il-pajjiżi membri, kull stat membru jagħraf dan il-privileġġ. Fl-aħħar każ imsemmi, saret ukoll il-konsiderazzjoni li numru sostanzjali ta' Stati Membri ma jħallux li avukati mpjegati jkunu "*admitted to a Bar or Law Society and accordingly do not recognise them as having the same status as lawyers in private practice".* Dan jikkuntrasta ferm mas-sitwazzjoni hawn Malta, fejn huwa meħtieġ li kull avukat prattikanti jakkwista l-*warrant* sabiex ikun jista' jeżerċita l-professjoni ta' avukat, mingħajr ebda distinzjoni bejn jekk dak l-avukat huwiex impjegat jew jeżerċitax il-professjoni tiegħu fil-prattika privata (ara Artikolu 79 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

16. Kif spjegat qabel, f'paragrafu 12 ta' din is-sentenza, il-liġi Maltija tagħmilha ċara li avukat huwa marbut bis-sigriet professjonali, u li ma hemm l-ebda distinzjoni bejn avukat fil-privat u avukat li jkun fl-impjieg. B'żieda ma' dan, meta wieħed iqis li l-Kodiċi Kriminali saħansitra jelenka l-kxif ta' sigrieti professjonali bħala delitt (Artikolu 257 tal-Kap. 9) u t-tifsira mogħtija ta' "*oġġetti soġġetti għal privileġġ legali*" taħt l-Artikolu 350 (1) tal-Kodiċi Kriminali, hija: "*kull komunikazzjoni bejn konsulent legali professjonali u l-klijent tiegħu jew kull persuna li tirrappreżenta lill-klijent*

*tiegħu u kull dokument jew record li jkunu annessi ma' jew li ssir referenza għalihom fl-istess komunikazzjoni u magħmula għall-finijiet tal-għoti ta' parir legali jew b'konnessjoni ma', jew b'kontemplazzjoni ta' xi proċeduri legali u għall-finijiet ta' dawk il-proċeduri, imma l-frażi ma tinkludix oġġetti miżmuma bil-għan tat-tkomplija ta' xi fini kriminali".* Hekk ukoll, il-liġi speċjali dwar is-Segretezza Professjonali (Kap. 377 tal-Liġijiet ta' Malta) tfisser aħjar id-dmir ta' professjonist (inkluż avukat) li ma jikxifx sigriet (Artikolu 3), li tipprovdi wkoll espressament għall-eċċezzjonijiet limitatissimi fejn il-kxif ikun permess jew ikun hemm obbligu ta' kxif (ara Artikoli 6 sa 11 tal-istess Kap. 377).

17. Konsidrat ukoll li, il-proċeduri legali dwar kif titmexxa kawża quddiem il-Qorti huma aktar ibbażati fuq is-sistema proċedurali ċivili Anglo-Sassonu (ara sentenza **Hornyold Strickland v. Allied Newspapers Limited et** imsemmija qabel), jitqies xieraq li f'dan l-istadju ssir parentisi b'referenza għal dak li hija l-pożizzjoni legali fl-Ingilterra. Saret referenza għall-prinċipju ta' *Legal Professional Privilege* fil-każ *R v. Derby Magistrates' Court, ex parte B* [1996] AC 487 minn Lord Taylor of Gosforth CJ, li magħha qablu l-membri tal-*House of Lords* meta ngħad:

> *"The principle which runs through all these cases, and the many other cases which were cited, is that a man must be able to consult his lawyer in confidence, since otherwise he might hold back half the truth. The client must be sure that what he tells his lawyer will never be revealed without his consent. Legal professional privilege is thus much more than an ordinary rule of evidence, limited in its application to the facts of a particular case. It is a fundamental condition on which the administration of justice as a whole rests".*

Hekk ukoll Lord Hoffman in **R (Morgan Grenfell & Co Limited) v. Special Commissioner of Income Tax** [2002] UKHL 21; [2003] AC 563 qal dan:

> *"… [Legal professional privilege] is a fundamental human right long established in the common law. It is a corollary of the right of any person to obtain skilled advice about the law. Such advice cannot be effectively obtained unless the client is able to put all the facts before the adviser without fear that they may afterwards be disclosed and used to his prejudice. The cases establishing this principle are collected in the speech of [Lord Taylor in ex parte B**]. It has been held by the European Court of Human Rights to be part of the right of privacy guaranteed by article 8 of the [European Convention on Human Rights] (Campbell v United Kingdom (1992) 15 EHRR 137; Foxley v United Kingdom (2000) 31 EHRR 637) and held by the European Court of Justice to be part of Community law (A M & S Europe Limited v Commission of the European Communities (Case 155/79) [1983] QB 878**)."* (enfasi ta' din il-Qorti)

(Ara f'dan is-sens ukoll il-*Legal Professional Privilege – practice note for advocates* pubblikata mill-Kamra tal-Avukati fl-1 ta' Ottubru, 2021).

18. Maż-żmien, fl-Ingilterra bdiet issir distinzjoni bejn dak li huwa *Legal Advice Privilege* u *Litigation Privilege* (termini li ġew użati minn LJ Oliver f'*Re Highgrade Traders Ltd* [1984] BCLC 151) li fil-verità hija riflessa fl-Artikolu 350 tal-Kap. 9 hawn qabel ċitat:

- ***Legal Advice Privilege*** jitratta kull komunikazzjoni li tgħaddi bejn l-avukat prattikanti u l-klijent, bl-iskop li jingħata parir legali. Dan il-privileġġ ikopri pariri mogħtija kemm minn avukati esterni, kif ukoll

dawk li jkunu mpjegati *in-house,* basta li r-rwol tagħhom ikun dak ta' avukat u mhux bħala uffiċjal tal-kumpanija (fi rwol eżekuttiv jew dak ta' infurzar) u li jkunu jikkwalifikaw bħala avukati prattikanti skont il-liġijiet relevanti fl-Ingilterra (li jkollhom *a current practising certificate*). Hekk ukoll, f'każ ta' avukati mpjegati fi ħdan kumpanija, li jista' jkollhom aktar minn rwol wieħed f'dik il-kumpanija, sabiex il-komunikazzjoni tattira l-protezzjoni tal-privileġġ, huwa meħtieġ li l-iskop prinċipali wara dik il-komunikazzjoni tkun li jingħata parir legali. Relevanti f'dan il-kuntest hija sentenza reċenti tal-Qorti tal-Appell Ingliża f'**Civil Aviation Authority v. R (on behalf of the application ofJet2.com Ltd) (2020) EWCA Civ 35.**

Mentri ***- Litigation Privilege*** huwa maħsub li joffri protezzjoni għal kull forma ta' komunikazzjoni bejn avukat u klijent, kif ukoll terza persuna, bl-iskop waħdieni jew prinċipali (bl-Ingliż tintuża l-kelma *dominant)* li titratta t-tmexxija ta' kawża eżistenti l-Qorti (inkluż proċeduri ta' arbitraġġ) jew għat-tħejjija ta' proċeduri li jkunu ser jinbdew fi żmien qasir, inkluż id-difiża tal-każ u kull sforz sabiex jiġu evitati l-proċeduri ġudizzjarji jew bl-iskop li sseħħ transazzjoni ta' kawża. Relevanti f'dan il-kuntest hija s-sentenza tal-Qorti tal-Appell f'**Bilta (UK) Ltd (in Liquidation) & Ors. v. Royal Bank of Scotland (2017) EWHC 3535 (Ch),** fejn issir is-segwenti referenza:

> *"litigation privilege can be claimed was accurately stated by Lord Carswell in Three Rivers District Council v Governor & Company of the Bank of England (No 6) [2005] 1 AC 610 ('Three Rivers') at para.102 as follows:*
>
> > *"(a) litigation must be in progress or in contemplation;*
> > *(b) the communications must have been made for the sole or dominant purpose of conducting that litigation;*
> > *(c) the litigation must be adversarial, not investigative or inquisitorial".*

19. M'hemmx dubju li l-minuti kollha esebiti mill-Bank appellant (ara Dok. JC in atti) kollha jitrattaw minuti ta' laqgħat, li kollha saru bejn April 2016 u Mejju tas-sena 2018, jiġifieri indubbjament saru wara li nbdew il-proċeduri legali intrapriżi mill-attur appellat, permezz tal-proċeduri għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni 546/2016, isegwi hemm preżenti kemm l-ewwel element applikabbli għal-*Litigation privilege,* u m'hemmx dubju li l-proċeduri odjerni bejn il-kontendenti fil-kawża huma ta' natura avversjali (it-tielet element). Inkwantu mill-*Audit Committee Minutes Meetings,* li għalihom kien preżenti l-avukat tal-Bank, jirriżulta li mill-"*Action Point"* hemm ikkontemplat li jsir stħarriġ tal-għażliet legali kollha, inkluż li jittieħdu passi fil-konfront tal-attur appellat, ċertament tindika li l-Bank appellant kien qiegħed jikkontempla l-għażliet legali kollha disponibbli għalih li għandu jiġbed fuqu l-protezzjoni tal-*Legal Advice Privilege*. Mentri mill-estratt ta' minuti mill-*Board Meetings' Legal Report*, apparti li dawn huma kollha ntitolati: "***Legal Report – Privileged and Confidential*",** li għal darb'oħra jelenka l-"*judicial remedies available to the Bank...the various options available to the Bank*." Isegwi li l-minuti jirriflettu rapport legali intrapriż mill-Bank appellant sabiex jipprepara d-

difiża tiegħu f'dawn il-proċeduri (li jindirizzaw it-tieni punt ikkontemplat fil-każ ta' Three Rivers). L-aħħar sett ta' minuti huma dawk ippreparati mill-avukat tal-Bank appellant, fil-kariga tiegħu ta' *General Counsel* tal-Bank, li għal darb'oħra huma ntitolati: "***Update on Trusts Case–Privileged and Confidential***", kif ukoll fejn bħala azzjoni kkontemplata hemm li "*Legal is considering with external counsel the best strategy for judicial action against JS on the basis of this report....*"

20. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti taqbel mal-Bank appellant li dawn il-minuti jimmeritaw il-protezzjoni ta' *Legal Professional Privilege* inkwantu għandhom kemm min-natura ta' *Legal Advice Privilege,* kif ukoll *Litigation Privilege* – peress li l-għan dominanti tal-laqgħat, kif riżultanti mill-minuti esebiti, huwa li tinkiseb informazzjoni u/jew pariri b'rabta mal-proċeduri legali odjerni, kif ukoll in kontemplazzjoni ta' proċeduri legali ulterjuri. Kwindi konsidrati l-prinċipji enunċjati qabel, fis-sens li r-regola hija li avukat fl-impjieg huwa marbut bl-istess obbligi bħal avukat privat fejn jidħol is-sigriet professjonali, din il-Qorti ma taqbilx mal-attur appellat meta jingħad minnu li avukat impjegat m'għandux igawdi mill-istess protezzjoni, wara kollox kif ingħad qabel, il-protezzjoni hija dik tal-klijent mhux tal-avukat.

21. Inoltre, fir-rigward tal-argument tal-attur appellat li b'referenza għall-prinċipji ta' aċċess għall-ġustizzja u ugwaljanza quddiem il-liġi, għandu jitwarrab il-privileġġ u dan b'ħarsien tal-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa ritenut li l-prinċipju ta' proporzjonalità ġie milħuq hekk kif il-Bank appellant esebixxa estensivament mill-minuti mitluba, b'dan illi ġew imħassra dawk il-partijiet li huma milquta bil-privileġġ professjonali. Kuntrarjament għal dak li jingħad mill-attur appellat, il-Bank appellant ma poġġiex kollox f'keffa waħda u qal li kollox kopert mis-sigriet professjonali, iżda llimita t-tħassir għal dak li huwa milqut bil-privileġġ professjonali, li kif ingħad f'**R (Morgan Grenfell & Co Limited) v. Special Commissioner of Income Tax** ċitat qabel, huwa daqstant ieħor dritt fundamentali li jimmerita protezzjoni. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti taqbel mal-Bank appellant li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija żbaljata, u għalhekk l-aggravju tiegħu jimmerita li jiġi milqugħ.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi, tilqa' l-appell tal-Bank konvenut, tirrevoka d-digriet tal-Ewwel Qorti tad-9 ta' Ġunju, 2021, tichad it-talba tal-attur *nomine*, u tibgħat l-atti lura lill-Ewwel

Qorti sabiex wara li tqis din is-sentenza, tkompli bis-smigħ tal-kawża. Bl-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm